8 ta' Novembru, 1954

Imhallef.

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Joseph Gerald Vella pr. et ne.

*versus*

Lt. Commander Eric G. Douglas, R.N.

**Lukanda — "Hotel" — Tariffa.**

*Tariffa ufficjali tal-Gvern tar-rati li jithallsu fil-lukandi hawn Malta ma hawnx. Imma hawn "guiding tariff"; u ghalhekk ma jidhirx li min imur jalloġġja f'lukanda ghandu ghalfejn jistaqsi r-rati tal-prezzijiet li jkollu jhallas f'dik il-lukanda.*

*Huwa veru li f'dik il-"guiding tariff" jinghad illi l-"Government Tourist Bureau" ma hux responsabili ghal kull tibdil li jsir f'dawk ir-rati; imma jekk min imur jalloġġja f'lukanda ma jistaqsiex minn qabel jekk hemmx xi tibdil f'dawk ir-rati, u sid il-lukanda ma jarżahx b'dak it-tibdil qabel ma jirċevih fil-lukanda tieghu, allura r-rati tal-prezz ġust u raġjonevoli jiġu stabbiliti mill-Qorti.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur fil-kwalitajiet tieghu fuq imsemmija jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha opportuni u l-provvedimenti li trid il-liġi, il-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti jhallas s-somma ta' £30, minnu dovuta kwantu ghal £27 ghal ghaxart ijiem

"board and rooms" fl-imsemmija lukanda, għalih u għall-familja tiegħu, b'£2. 14. 0. kuljum, u kwantu għall-bilanċ "extras" kif dettaljat fil-kont anness (dok. M). Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenut li ġie msejjaħ biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mhux kontestat (1) illi l-konvenut qagħad fil-lukanda ta' l-attur imsemmija fiċ-ċitazzjoni għal għaxart ijiem flimkien mal-mara tiegħu u t-tliet uliedu, li wieħed minnhom għadu tarbija, (2) illi ma kienx hemm f'ebda ħin preventiv kemm kellu jkun il-prezz tal-qagħad ta'-konvenut b'dik il-familja f'dik il-lukanda, u (3) illi l-konvenut kellu għad-dispożizzjoni tiegħu u tal-familja żewġt ikmamar fl-istess lukanda;

Illi l-attur qiegħed jitlob il-prezz ta' £27 għal għaxart ijiem, jew £2. 14. 0 kuljum, "board and rooms" tal-konvenut u l-familja tiegħu fil-lukanda msemmija. Huwa xehed illi għat-tarbija tal-konvenut it-talba hija ta' 2s. kuljum għal-"room" biss, u illi għaż-żewġt itfal tal-konvenut it-talba tiegħu hija dik ta' nofs dik li talab għall-konvenut u l-mara tiegħu, u għall-"board and rooms". Minn hekk jiġi illi t-talba ta' l-attur hi dik ta' 17s. 4d. kulljum kull wieħed għall-konvenut u l-mara tiegħu; 8s. 8d. kulljum kull wieħed għaż-żewġt itfal tal-konvenut, "board and rooms"; u 2s. kulljum għat-tarbija tal-konvenut, għal "room" biss;

Illi jirriżulta illi tariffa uffiċjali tal-Gvern tar-rati tal-lukandi hawn Malta ma hawnx; imma hawn "guiding tariff", għall-lukanda msemmija fih u huma indikati ta' 13s. kuljum bħala minimum u 16s. kulljum bħala massimu; u dan għal kull persuna u "en pension". Din il-gwida l-attur jaf biha, u r-rati tal-prezzijiet indikati fiha b'rigward għall-lukanda tiegħu tahom huwa stess lill-Government Tourist Bureau, għalkemm dan kien, kif jgħid huwa, għas-snin 1945-1948. Għalhekk ma jidherx illi l-konvenut kellu għalfejn jistaqsi x'kienu sejrin ikunu r-rati tal-prezzijiet fl-imsemmija lukanda. Hu veru li fuq il-gwida jingħad illi "this office does not accept responsibility for any changes in the rates"; imma jekk il-konvenut ma staqsiex jekk kienx hemm xi tibdil f'dawk ir-rati ndi-

kati fil-gwida, minn naħa tiegħu l-attur lanqas ma wissa lill-konvenut, qabel ma aċċetta li jirċievieh fil-lukanda mal-familja tiegħu, illi r-rata li kienu sejrin ikunu għola minn dawk indikati fil-gwida, jew almenu x'kien bi ħsiebu jiddi llu talli jżommu fil-lukanda. Għalhekk f'dan il-każ jidher illi għandu jiġi fissat kemm għandha tkun ir-rata tal-prezz ġusta u raġjonevoli li għandha tiġi mħallsa lill-attur. In vista tax-xhieda ta' Peter Tabone, li hu l-proprjetarju tal-"Plevna Hotel", u l-konsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ, dina l-Qorti hi tal-fehma illi din ir-rata għall-lukanda ta' l-attur, għall-"board and rooms", għandha tkun ta' 16s. kulljum għall-kbar. Iċ-ċirkustanza li kien hemm żewġt ikmamar ma tagħmelx differenza f'dan il-każ. Hu ċar illi ma setgħux joqgħodu ħam-a minn nies f'kamra waħda; u ġie pruvat illi f'waħda mill-kmamar kien hemm sodda għal tnejn, u fl-oħra sodda waħda ta' wieħed u "cot" għat-tarbija;

Illi l-mara tal-konvenut tiftehma illi hija ħlu-mat mill-ewwel, direttament lill-attur, illi żewġha, il-konvenut, ma kienx sejjer jieħu mill-lukanda, bħala ikel, ħlief id-"dinner" biss. L-attur ma ċaħadx din iċ-ċirkustanza, imma qal illi ma jiftakarhiex. Għalhekk għandha tipprevalixxi x-xhieda tal-mara tal-konvenut. Fil-fatt irriżulta illi l-konvenut dejjem "dinner" biss ha kemm dam fil-lukanda ta' l-attur, barra minn darba, jiġifieri l-aħħar darba li qagħad fil-lukanda, meta ħa l-"lunch" ukoll. "Breakfast" u "tea" ma ħa qatt;

Illi b'dan il-mod ir-rati tal-konvenut u l-familja tiegħu għall-għaxar tijiem li qagħadu fil-lukanda ta' l-attur jiġu fissati hekk: il-mara tal-konvenut £8, jew 16s. kulljum "board and room"; iż-żewġt itfal tal-konvenut £8 t-tnejn, jew 8s. kulljum kull wieħed, "board and room"; it-tarbija tal-konvenut £1, jew 2s. kulljum għall-"room" biss; u l-konvenut £4. 5. 0., jew 8s. kulljum għad-"dinner and room", u 5s. għall-"lunch" li ħa l-aħħar ġurnata li qagħad fil-lukanda. B'kollox £21. 5. 0;

Illi rigward l-"extras"..........:

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur limitatament għassomma ta' £24, kwantu għal £21. 5. 0. għal għaxar tijiem

''board and room'' fil-lukanda ta-ġimgħa: u kwantu għal £2. 15. 0. għall-''extras'', bl-imgħax legali mill-lum. L-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti in kwantu għal 4/5 mill-konvenut u kwantu għal 1/5 mill-attur.